DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/668

tat-18 ta' Mejju 2020

dwar l-istandards armonizzati għat-tagħmir ta' protezzjoni personali abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), it-tagħmir ta' protezzjoni personali li jkun konformi ma' standards armonizzati jew ma' partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, irid ikun preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fl-Anness II ta' dak ir-Regolament koperti minn dawk l-istandards jew minn partijiet minnhom.

(2) Permezz tal-ittra M/031, bit-titolu "STANDARDISATION MANDATE TO CEN/CENELEC CONCERNING STANDARDS FOR PERSONAL PROTECTIVE EQUIPMENT" (MANDAT TA' STANDARDIZZAZZJONI INDIRIZZAT LIS-CEN/CENELEC LI JIKKONĊERNA STANDARDS GĦAL TAGĦMIR TA' PROTEZZJONI PERSONALI), il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) biex jiġu żviluppati u mfassla standards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE ([3]).

(3) Id-Direttiva 89/686/KEE ġiet sostitwita bir-Regolament (UE) 2016/425 mill-21 ta' April 2018, li wassal biss għadd limitat ta' bidliet fir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 89/686/KEE. L-istandards armonizzati abbozzati abbażi tat-talba M/031 ġew abbozzati esklussivament b'appoġġ għar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza, li baqgħu sostanzjalment l-istess wara s-sostituzzjoni tad-Direttiva 89/686/KEE bir-Regolament (UE) 2016/425.

(4) Fuq il-bażi tat-talba M/031, is-CEN u s-CENELEC abbozzaw l-istandards armonizzati li ġejjin: EN 893:2019 dwar it-tagħmir tal-alpiniżmu, EN 943-2:2019 dwar l-ilbies protettiv kontra sustanzi kimiċi solidi, likwidi u gassużi perikoluż, EN 1073-1:2016+A1:2018 dwar l-ilbies protettiv kontra partiċelli solidi fl-arja, inkluża l-kontaminazzjoni radjuattiva u EN 14458:2018 dwar it-tagħmir personali tal-għajnejn, b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425.

(5) Abbażi tat-talba M/031, is-CEN u s-CENELEC wettqu reviżjoni tal-istandards armonizzati EN 343:2003 +A1:2007/AC:2009, EN 358:1999, EN 381-5:1995, EN 381-7:1999, EN 381-9:1997, EN 381-11:2002, EN 13832-2:2006, EN 13832-3:2006, EN 14594:2005, EN 388:2016, EN 943-1:2015 u EN 12277:2015, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]). Dan wassal għall-adozzjoni, rispettivament, tal-istandards armonizzati EN 343:2019 dwar l-ilbies protettiv kontra x-xita, EN 358:2018 dwar iċ-ċinturini u l-lanjardi għal pożizzjonament jew trażżin waqt ix-xogħol, EN ISO 11393-2:2019, EN ISO 11393-4:2019, EN ISO 11393-5:2019 u EN ISO 11393-6:2019 dwar ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws), EN 13832-2:2018 u EN 13832-3:2018 dwar xedd is-saqajn protettiv kontra sustanzi kimiċi, EN 14594:2018 dwar tagħmir protettiv respiratorju, EN 388:2016+A1:2018 dwar ingwanti protettivi kontra riskji mekkaniċi, EN 943-1:2015+A1:2019 dwar ilbies protettiv kontra sustanzi kimiċi solidi, likwidi u gassużi perikoluż, inklużi aerosols likwidi u solidi u EN 12277:2015+A1:2018 dwar it-tagħmir tal-alpiniżmu.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-apparat personali protettiv (ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18).

([4]) ĠU C 113, 27.3.2018, p. 41.

(6) Abbażi tat-talba M/031, is-CEN u s-CENELEC emendaw l-istandard armonizzat EN ISO 10819:2013, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]). Dan wassal biex tiġi adottata emenda għal dak l-istandard armonizzat, EN ISO 10819:2013/A1:2019.

(7) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-CENELEC, ivvalutat jekk dawk l-istandards jikkonformawx mat-talba M/031.

(8) L-istandards armonizzati EN 893:2019, EN 943-2:2019, EN 1073-1:2016+A1:2018, EN 14458:2018, EN 343:2019, EN 358:2018, EN ISO 11393-2:2019, EN ISO 11393-4:2019, EN ISO 11393-5:2019, EN ISO 11393-6:2019, EN 13832-2:2018, EN 13832-3:2018, EN 14594:2018, EN 388:2016+A1:2018, EN 943-1:2015 +A1:2019, EN ISO 10819:2013 kif emendat bi EN ISO 10819:2013/A1:2019, u EN 12277:2015+A1:2018 jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/425. Għalhekk huwa xieraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(9) Is-CEN u s-CENELEC abbozzaw ukoll ir-rettifika għal EN 50321-1:2018/AC: 2018-08 li tikkoreġi l-istandard armonizzat EN 50321-1:2018, li r-referenza tiegħu hija ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([6]). Peress li din ir-rettifika tintroduċi korrezzjonijiet tekniċi u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-istandard armonizzat EN 50321-1:2018, li r-referenza tiegħu ġiet ippubblikata qabel, huwa xieraq li r-referenza ta' dan l-istandard armonizzat u r-referenza tar-rettifika jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Għalhekk huwa xieraq li r-referenzi tal-istandards armonizzati EN 343:2003+A1:2007/AC:2009, EN 358:1999, EN 381-5:1995, EN 381-7:1999, EN 381-9:1997, EN 381-11:2002, EN 13832-2:2006, EN 13832-3:2006, EN 14594:2005, EN 388:2016, EN 943-1:2015, EN ISO 10819:2013, EN 12277:2015 u EN 50321-1:2018, jiġu rtirati mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, billi dawk l-istandards ġew riveduti, emendati jew ikkoreġuti. Sabiex il-manifatturi jingħataw aktar żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards armonizzati EN 343:2019 EN 358:2018, EN ISO 11393-2:2019, EN ISO 11393-4:2019, EN ISO 11393-5:2019, EN ISO 11393-6:2019, EN 13832-2:2018, EN 13832-3:2018, EN 14594:2018, EN 388:2016+A1:2018, EN 943-1:2015+A1:2019, EN ISO 10819:2013 kif emendat bi EN ISO 10819:2013/A1:2019, EN 50321-1:2018 kif ikkoreġut bi EN 50321-1:2018/AC: 2018-08, u EN 12277:2015+A1:2018, jeħtieġ li l-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati EN 343:2003+A1:2007/AC:2009, EN 358:1999, EN 381-5:1995, EN 381-7:1999, EN 381-9:1997, EN 381-11:2002, EN 13832-2:2006, EN 13832-3:2006, EN 14594:2005, EN 388:2016, EN 943-1:2015, EN ISO 10819:2013, EN 12277:2015 u EN 50321-1:2018 jiġi differit.

(11) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' dan l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għat-tagħmir ta' protezzjoni personali abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425 elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għat-tagħmir ta' protezzjoni personali abbozzati b'appoġġ għar-Regolament (UE) 2016/425 elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

([5]) ĠU C 113, 27.3.2018, p. 41.
([6]) ĠU C 113, 27.3.2018, p. 41.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Mejju 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN 343:2019 Ilbies protettiv - Protezzjoni kontra x-xita
2.	EN 358:2018 Tagħmir ta' protezzjoni personali għal pożizzjonament waqt ix-xogħol u għall-prevenzjoni ta' waqgħat mill-għoli - Ċinturini u lanjardi għal pożizzjonament jew trażżin waqt ix-xogħol
3.	EN 388:2016+A1:2018 Ingwanti protettivi kontra riskji mekkaniċi
4.	EN 510:2019 Speċifikazzjoni għal ilbies protettiv għal użu fejn hemm riskju ta' tħabbil ma' partijiet li jiċċaqilqu
5.	EN 893:2019 Tagħmir tal-alpiniżmu - Takki bil-ponta - Rekwiżiti tas-sikurezza u metodi ta' ttestjar
6.	EN 943-1:2015+A1:2019 Ilbies protettiv kontra sustanzi kimiċi solidi, likwidi u gassużi perikoluży, inklużi aerosols likwidi u solidi - Parti 1: Rekwiżiti ta' prestazzjoni għal ilbies protettiv tat-Tip 1 kontra s-sustanzi kimiċi (issiġillat b'mod li ma jgħaddix gass)
7.	EN 943-2:2019 Ilbies protettiv kontra sustanzi kimiċi solidi, likwidi u gassużi perikoluży, inklużi aerosols likwidi u solidi - Parti 2: Rekwiżiti ta' prestazzjoni għal ilbies protettiv tat-Tip 1 kontra s-sustanzi kimiċi (issiġillat b'mod li ma jgħaddix gass) għat-timijiet ta' emerġenza (ET)
8.	EN 1073-1:2016+A1:2018 Ilbies protettiv kontra partiċelli solidi fl-arja, inkluża l-kontaminazzjoni radjuattiva - Parti 1: Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar għal ilbies protettiv ventilat b'pajp tal-arja kkumpressata, għall-protezzjoni tal-ġisem u tas-sistema respiratorja
9.	EN ISO 10819:2013 Vibrazzjonijiet u skossi mekkaniċi - Vibrazzjonijiet mill-id għad-dirgħa - Kejl u evalwazzjoni tat-trażmissibbiltà tal-vibrazzjonijiet tal-ingwanti fil-pala tal-id (ISO 10819:2013) EN ISO 10819:2013/A1:2019
10.	EN ISO 11393-2:2019 Ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws) - Parti 2: Rekwiżiti ta' prestazzjoni u metodi ta' ttestjar għal protetturi tar-riġlejn (ISO 11393-2:2018)
11.	EN ISO 11393-4:2019 Ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws) - Parti 4: Rekwiżiti ta' prestazzjoni u metodi ta' ttestjar għal ingwanti protettivi (ISO 11393-4:2018)
12.	EN ISO 11393-5:2019 Ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws) - Parti 5: Rekwiżiti ta' prestazzjoni u metodi ta' ttestjar għal getti ta' protezzjoni (ISO 11393-5:2018)
13.	EN ISO 11393-6:2019 Ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws) - Parti 6: Rekwiżiti ta' prestazzjoni u metodi ta' ttestjar għal protetturi tal-parti ta' fuq tal-ġisem (ISO 11393-6:2018)
14.	EN 12277:2015+A1:2018 Tagħmir tal-alpiniżmu - Irbit tas-sikurezza - Rekwiżiti tas-sikurezza u metodi ta' ttestjar

Nru	Referenza tal-istandard
15.	EN 13832-2:2018 Xedd is-saqajn protettiv kontra sustanzi kimiċi - Parti 2: Rekwiżiti għal kuntatt limitat ma' sustanzi kimiċi
16.	EN 13832-3:2018 Xedd is-saqajn protettiv kontra sustanzi kimiċi - Parti 3: Rekwiżiti għal kuntatt fit-tul ma' sustanzi kimiċi
17.	EN 14458:2018 Tagħmir personali tal-għajnejn - Viżuri ta' prestazzjoni għolja maħsuba biex jintużaw biss flimkien ma' elmi protettivi
18.	EN 14594:2018 Tagħmir protettiv respiratorju - Tagħmir tan-nifs b'pajp tal-arja kkumpressata bi fluss kontinwu - Rekwiżiti, ittestjar u mmarkar
19.	EN 50321-1:2018 Xogħol fuq l-elettriku live - Xedd is-saqajn għall-protezzjoni mill-elettriku - Xedd is-saqajn u overboots iżolanti EN 50321-1:2018/AC:2018-08

ANNESS II

Nru	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN ISO 10819:2013 Vibrazzjonijiet u skossi mekkaniċi - Vibrazzjonijiet mill-id għad-dirgħa - Kejl u evalwazzjoni tat-trażmissibbiltà tal-vibrazzjonijiet tal-ingwanti fil-pala tal-id (ISO 10819:2013)	Id-19 ta' Novembru 2021
2.	EN 343:2003+A1:2007 Ilbies protettiv - Protezzjoni kontra x-xita EN 343:2003+A1:2007/AC:2009	Id-19 ta' Novembru 2021
3.	EN 358:1999 Tagħmir ta' protezzjoni personali għal pożizzjonament waqt ix-xogħol u għall-prevenzjoni ta' waqgħat mill-għoli - Ċinturini għal pożizzjonament u trażżin waqt ix-xogħol u lanjardi għal pożizzjonament waqt ix-xogħol	Id-19 ta' Novembru 2021
4.	EN 381-5:1995 Ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws) - Parti 5: Rekwiżiti għal protetturi tar-riġlejn	Id-19 ta' Novembru 2021
5.	EN 381-7:1999 Ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws) - Parti 7: Rekwiżiti għal ingwanti għal waqt l-użu ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws)	Id-19 ta' Novembru 2021
6.	EN 381-9:1997 Ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws) — Parti 9: Rekwiżiti għal getti ta' protezzjoni għal waqt l-użu ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws)	Id-19 ta' Novembru 2021
7.	EN 381-11:2002 Ilbies protettiv għall-utenti ta' lupi li jinżammu fl-idejn (chainsaws) - Parti 11: Rekwiżiti għal protetturi tal-parti ta' fuq tal-ġisem	Id-19 ta' Novembru 2021
8.	EN 388:2016 Ingwanti protettivi kontra riskji mekkaniċi	Id-19 ta' Novembru 2021
9.	EN 943-1:2015 Ilbies protettiv kontra sustanzi kimiċi solidi, likwidi u gassużi perikoluż, inklużi aerosols likwidi u solidi - Parti 1: Rekwiżiti ta' prestazzjoni għal ilbies protettiv tat-Tip 1 kontra s-sustanzi kimiċi (issiġillat b'mod li ma jgħaddix gass)	Id-19 ta' Novembru 2021
10.	EN 12277:2015 Tagħmir tal-alpiniżmu — Irbit tas-sikurezza — Rekwiżiti tas-sikurezza u metodi ta' ttestjar	Id-19 ta' Novembru 2021
11.	EN 13832-2:2006 Xedd is-saqajn protettiv kontra sustanzi kimiċi - Parti 2: Rekwiżiti għal xedd is-saqajn reżistenti għas-sustanzi kimiċi taħt kundizzjonijiet tal-laboratorju	Id-19 ta' Novembru 2021
12.	EN 13832-3:2006 Xedd is-saqajn protettiv kontra sustanzi kimiċi - Parti 3: Rekwiżiti għal xedd is-saqajn reżistenti ħafna għas-sustanzi kimiċi taħt kundizzjonijiet tal-laboratorju	Id-19 ta' Novembru 2021

13.	EN 14594:2005 Tagħmir protettiv respiratorju - Apparat tan-nifs b'pajp tal-arja kkumpressata bi fluss kontinwu - Rekwiżiti, ittestjar, immarkar EN 14594:2005/AC:2005	Id-19 ta' Novembru 2021
14.	EN 50321-1:2018 Xogħol fuq l-elettriku live - Xedd is-saqajn għall-protezzjoni mill-elettriku - Xedd is-saqajn u overboots iżolanti	Id-19 ta' Novembru 2020